MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 4/2012

**Doris Fenech**

**vs**

**Elevators D.C Company Limited (C45440)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fir-Registru ta’ din il-Qorti fil-5 ta’ Jannar 2012 fejn talbet lil din il-Qorti prevja dikjarazzjoni li hija debitrici taghha fis-somma ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000) dovuta minnha ai termini ta’ skrittura privata datata it-tnejn (2) ta’ Awwissu 2011 (Dok DF annessa), bhala rifuzjoni ta’ dak minnha milqugh precedentement, thallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ intimata li hi ingunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta’ intimata kienet debitament notifikata bl-avviz skond riferta posittiva tal-Marixxall Mario Mizzi datata 14 ta’ Jannar 2012 fol. 5 tal-process.

Rat illi fis-seduta tad-29 ta’ Frar 2012 is-socjeta’ konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba atrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Illi fis-seduta tad-29 ta’ Frar 2012 l-attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ **ghaxart elef Ewro (€10,000)** ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------